# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 691/2009 SM**

**Joe Abdilla, Osterio Aquilina, Carmel Attard, Raymond Attard, Philip Bonnici, Anthony Borg, Edward Borg Fiorentino, Victor Borg Fiorentino, Albert Brimmer, Godfrey Cachia, Emanuel Camilleri, Joe Camilleri, Raymond Camilleri, Vince Camilleri, Edwin Caruana, Raymond Caruana (K.I. nru 317058M), Martin Cassar, Godfrey Ciappara, Joseph Depares Valenzia, Raymond Ebejer, Carmel Farrugia, Joe Farrugia, Martin Farrugia, Mario Galea, Tonio Galea, Joseph Grech (K.I. nru 332057M), Vince Grech, Raymond Grima, Mario Micallef, Anthony Muscat, Lawrence Saliba, Joseph Sammut, Raymond Scicluna, Maurice Spiteri, Martin Tabone, Andrew Vassallo, Joe Vella, Joseph Zahra, Raymond Zammit, Joseph Abdilla, Mario Abela, Saviour Abela, Nicholas A. Aquilina, Joseph Attard, Cristian Azzopardi, Joseph Azzopardi, Mario Azzopardi, Martin Bajada, Richard Bartolo, Raymond Bellizzi, Charles Bianco, Godwin Bongailas, Raymond Borg, Vincent Borg, Carmel Briffa, Emanuel Briffa, Anthony David Brincat, Lawrence Bugeja, Peter-Paul Bugeja, Ugo Buhagiar, Joseph Busuttil, Frans Buttigieg, Carmel Calleja, Domenic Calleja, Carmel Camilleri, Francis Caruana, Raymond Caruana (K.I. nru 35859M), Albert Cassar, Ronald Catania, John Cauchi, Hector Cilia, Simon Cioffi, Joseph Corso, John Cutajar, Joseph Dalli, Paul Dalli, Emanuel Darmanin, Eugenio Debono, Joseph Degabriele, Joseph Dimech, Joseph Farrugia, Anthony Fenech, Brian Galea, Joseph Gatt, Paul Gatt, Joseph Grech (K.I. nru 260259M), George**

**Grima, Charles Mallia, John Massa, Eugenio Meli, Gejtu Micallef, John Mizzi, Emanuel Montebello, Anthony Montesin, Domenic Pace, Joseph Pace, John Pisani, Arthur Saliba, Mario Schembri, Raymond Scicluna, William Sperandeo, Eugene Spina, Carmel Tabone, Raymond Tabone, Joseph Vassallo, Ludovigo Vella, Carmel Zammit, Godfrey Zammit, John Zammit, Julian Farrugia, John Brian Abdilla, Ronnie Abela, Paul Attard, Mario Busuttil, Fortunato Camilleri, Charlie Cassar, George Ciantar, Paul Cutajar, Martin Darmanin, Paul Dimech, Paul Ellul, Carmel Farrugia, Joseph Farrugia, Mario Farrugia, Joseph Grech (karta tal-identita numru 270562M), Joseph Grech (K.I. nru 90760M), Richard Grech, Raymond Hili, Joseph Mamo, Joseph Mifsud, Mario Schembri, Carmel Scicluna, Joseph Sevasta, Joseph Seychell, George Tabone, Albert Vella, Godwin Gatt, Saviour Mangion, Emanuel Attard, Winston Muscat, Raymond Schembri, Michael Bonello u John Vella**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru bħala l-Kap tal-Gvern ta' Malta, id-Direttur Ġenerali tal-*Management and Personnel Office*, is-Segretarju Permanenti Ewlieni, l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti li ċaħdet talba tagħhom għal dikjarazzjoni li għandhom jingħataw l-istess trattament bħala impjegati tal-gvern bħal dawk li kienu hekk impjegati qabel is-16 ta' Jannar 1979. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi kienu apprendisti mal-gvern qabel is-16 ta' Jannar 1979 iżda tqiesu li ngħataw impjieg mal-gvern wara dik id-data. Għalhekk ma għandhomx l-istess drittijiet dwar pensjoni bħal ma għandhom sħabhom li għamlu l-istess apprendistat bħalhom iżda tqiesu li ġew impjegati qabel is-16 ta' Jannar 1979. Billi dehrilhom li għandhom jingħataw l-istess trattament billi għamlu l-istess apprendistat bħal

sħabhom, ħallsu taxxa u kontribuzzjonijiet ta' Sigurtà Soċjali bħal sħabhom, u qdew l-istess dmirijiet bħal sħabhom, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> »tiddikjara li l-esponenti għandhom dritt li jingħataw l-istess trattament bħal sħabhom li ngħataw l-*appointment* qabel is-16 ta' Jannar 1979;
>
> »tordna lill-intimati jew min minnhom biex jirranġaw id-data tal-*appointment* tar-rikorrenti għal data li tiġi qabel is-16 ta' Jannar 1979, biex b'hekk titneħħa l-anomalija li teżisti bejn ħaddiema li għamlu l-istess apprendistat u jagħmlu l-istess xogħol mal-gvern;
>
> »tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa biex titneħħa l-inġustizzja li saret mar-rikorrenti u biex dawn jingħataw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi.«

3. Bis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2014 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti, wara li ċaħdet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti[1], bl-ispejjeż, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-meritu u ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi l-posizzjoni tar-rikorrenti tista' tiġi sintetikament esposta bil-mod segwenti:
>
> »illi ftit qabel ma intavolaw il-proċedura odjerna saru jafu li xi wħud mill-kollegi tagħhom li magħhom kienu ħadmu ta' apprendisti mal-gvern kienu, għall-kuntrarju tagħhom, ġew kwalifikati u kklassifikati li l-ewwel impjieg tagħhom kien seħħ qabel is-16 ta' Jannar 1979;
>
> »illi permezz ta' din il-klassifikazzjoni dawn l-apprendisti kollegi tar-rikorrenti awtomatikament ikkwalifikaw għall-pensjoni tat-Teżor;
>
> »illi r-rikorrenti ma ġewx ikkwalifikati li kienu impjegati qabel id-data fuq indikata, u allura bħala konsegwenza diretta tal-istess ma ikkwalifikawx għall-pensjoni indikata fil-paragrafu preċedenti;
>
> »… … …
>
> »illi rigward il-mertu veru u proprju tal-proċedura odjerna r-rikorrenti sintetikament isostnu s-segwenti:
>
>> »illi tnejn mir-rikorrenti, preċizament John Zammit u Vincent Borg, b'kumbinazzjoni skoprew l-anomalija mertu ta' din il-proċedura waqt li kienu qed jaraw l-i*staff list* tal-impjegati tal-gvern;
>>
>> »illi l-imsemmija rikorrenti indikati fil-paragrafu preċedenti skoprew li wħud mill-kollegi tagħhom li kienu bħalhom ġew impjegati mal-gvern bħala apprendisti kienu ngħataw l-ewwel

[1] Minn din il-parti tas-sentenza ma sar ebda appell.

ingaġġ, "*appointment*", tagħhom mal-gvern f'data qabel is-16 ta' Jannar 1979;

»illi s-16 ta' Jannar 1979 kienet id-data fatidika li ddetermina l-gvern li warajha l-ħaddiema ingaġġati mal-gvern ma kinux ser jibqgħu jieħdu aktar il-pensjoni tat-Teżor;

»illi l-i*staff list* kien dokument ta' ċertu importanza kemm għall-impjegati tal-gvern kif ukoll għall-istess amministrazzjoni pubblika u dan għaliex forst affarijiet oħra:

»• kien jindika meta bniedem kien jigi ingaggat mal-Gvern;

»• kien għalhekk jiġi determinat l-ewwel *appointment*;

»• kienet ukoll tiġi determinata s-"*seniority*";

»• kienet tassigura li impjegat ma jiġix maqbuz fis-"*seniority*";

»illi l-allegazzjoni tal-intimati [*sc.* hi] li d-data tal-ewwel impjieg tar-rikorrenti kienet indikata kif inhi fl-i*staff list* minħabba żball;

»illi però din l-allegazzjoni riferita fil-paragrafu preċedenti mhix waħda sostenibbli għaliex ir-rikorrenti ħadu l-ewwel *appointment* tagħhom qabel l-1979;

»illi in effetti, jekk jirriżulta assodat li verament kien hemm żball fil-konfront tar-rikorrenti, allura kien ikun hemm inġustizzja doppja fil-konfront tagħhom;

»illi jirrizulta li xi impjegati li l-*appointment* tagħhom hu indikat mod, l-istess *appointment* qatt ma ġie esebit in atti u għalhekk ġie meqjus mill-amministrazzjoni pubblika li dawn ingħatalhom l-*appointment* tagħhom fid-data ta' meta daħlu fl-apprentistat *de quo* u mhux, bħar-rikorrenti, wara li spiċċaw minn dan l-istess apprentistat;

»illi *di più*, *stante* li f'uħud mir-rikorrenti tintuża frażjoloġija partikolari fejn jintqal li dawn kienu imlaħħqa *Building Tradesman* I jew *Building Tradesman* II, minnha nnifisha tindika li l-*letter of appointment* ma tindikax l-ewwel ingaġġ mal-gvern iżda tindika meta r-rikorrenti ġew promossi f'ħatra oħra mal-istess gvern li miegħu kienu ġà impjegati;

»illi fil-ftehim milħuq bejn ir-rikorrenti u l-gvern ma jirriżulta minn imkien li huma m'humiex meqjusa bħala ħaddiema tal-gvern;

»illi in effetti kien l-istess gvern li kien kiser il-ftehim in diżamina *stante* li, filwaqt li l-ftehim kien jirreferi għal tagħlim, l-apprendisti involuti kienu ġew impjegati f'diversi proġetti pubbliċi ta' kostruzzjoni li kienu qed isiru minn żmien għal żmien;

»illi *di più*, meta r-rikorrenti kienu hekk ingaġġati bħala apprendisti, dawn fil-fatt kienu jaħdmu l-istess ħinijiet tal-ħaddiema l-oħra tal-gvern, u kellhom l-istess kundizzjonijiet tal-*leave* u tas-*sick leave*;

»illi l-istess apprendisti kienu wkoll iħallsu l-kontribuzzjoni tan-*National Insurance* u *Income Tax* dovuti;

»illi għalhekk fejn ried il-gvern kien jikkonsidra lir-rikorrenti bħala apprendisti, u fejn ried kien jikkonsidrahom bħala ħaddiema regolari, inkluż fl-obbligi medeżimi;

»illi eżami tad-dokumentazzjoni prodotta juri b'mod ċar li uħud mill-ħaddiema ngħataw l-*appointment* tagħhom f'data, u oħrajn, ingaġġati magħhom, ingħataw l-*appointment* tagħhom f'data oħra;

»illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti ġew preġudikati *stante* li minħabba f'dan il-fatt esklussiv ġew esklużi mill-pensjoni tat-Teżor;

»illi għalhekk ir-rikorrenti jesiġu li jiġu trattati bl-istess mod li ġew trattati sħabhom;

»Illi l-posizzjoni tal-intimati tista' tiġi sintetikament esposta bil-mod segwenti

»illi fil-qosor, it-talba tar-rikorrenti tista' tigi kompressa fil-fatt li permezz tal-proċedura odjerna huma qed jitolbu li ż-żmien li huma servew bħala apprendisti mal-gvern jiġi minflok ikkonsidrat bħala xogħol fis-servizz pubbliku;

»illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti jkunu jistgħu jipperċepixxu l-pensjoni tat-Teżor meta jirtiraw;

»Ikkunsidrat:

»illi jirrizulta li dawk li jikkwalifikaw għall-pensjoni tat-tezor huma dawk elegibbli *ai termini* tal-artiklu 21 tal-Kap. 93 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament:

»"Uffiċjal jew persuni maħturin mas-servizz pubbliku ta' Malta qabel il-15 ta' Jannar, 1979";

»illi għalhekk dawk maħturin mal-istess servizz wara d-data indikata fil-paragrafu preċedenti ma jkunux intitolati għall-istess tip ta' pensjoni;

»illi persuna titqies li kienet maħtura f'impjieg fis-servizz pubbliku mid-data tal-ħatra tal-istess persuna min-naħa tal-Prim'Ministru li jkun qed jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku;

»Ikkunsidrat:

»illi fuq il-mertu tal-proċedura in diżamina l-intimati jsostnu sintetikament is-segwenti:

»illi fit-23 ta' Settembru 1975, il-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet kien għall-ewwel darba nieda skema ta' apprendistat għal perjodu ta' erba' (4) snin;

»illi l-iskop dikjarat ta' dan l-apprendistat kien biex:

»• jippromwovi s-sengħa tal-bini; u

»• jistabbilixxi sors adegwat ta' nies teknikament preparati tajjeb biex jilqgħu għall-bżonnijiet futuri tas-settur kemm pubbliku kif ukoll privat;

»illi l-iskema tal-apprendistat in diżamina kienet imsejsa fuq ir-regoli stabbiliti fl-Att tal-1952 dwar it-Tagħlim fl-Industrija;

»illi dan l-att indikat fil-paragrafu preċedenti stabbilixxa li "apprendista" ikun dak li:

»• ikun għalaq l-erbatax-il sena;

»• jaqdi prinċipal matul żmien miftiehem sabiex jikseb tagħrif, magħduda t-tijorija u l-prattika, f'sengħa;

»• il-prinċipal marbut li jgħallem lill-apprendist;

»• il-ftehim milħuq bejniethom irid ikun bil-miktub, kemm-il darba l-istess ftehim ma jiġix imwarrab bis-saħħa ta' xi dispozizzjoni speċjali ta' dan l-Att;

»illi wara li kienet pubbliċizzata l-iskema *de quo*, kienu ħafna li applikaw biex jidħlu f'dan l-apprendistat;

»illi tenut kont tas-suċċess riskontrat il-ministeru fuq riferit kien ukoll ippubblika manwal appożitu intiz biex jgħin lill-applikanti apprendisti;

»illi mal-istess manwal indikat fil-paragrafu preċedenti kien hemm ukoll il-ftehim li l-apprendist prospettiv kellu jiffirma mal-applikazzjoni tiegħu;

»Ikkunsidrat:

»illi l-ftehim indikat fil-paragrafu preċedenti kien, fost l-oħrajn, jinkludi s-segwenti klawsoli:

»• illi l-apprendistat in diżamina kellu jkun regolat bl-Att Numru X tal-1952 dwar it-Tagħlim fl-Industrija;

»• illi l-Att *de quo* jistipula l-obbligazzjonijiet tal-applikant f'dan l-apprendistat;

»• illi dawn l-obbligi u responsabbiltajiet ikunu legalment vinkolanti mal-firma tal-ftehim;

»• illi l-ftehim *de quo* jkopri l-perjodu kollu tal-apprendistat;

»• illi l-istess ftehim jinkudi perjodu ta' "*probation*" rigwardanti l-ewwel sitt (6) xhur t'inga;

»• illi l-apprendist kellu joqgħod għall-kondizzjonijiet tal-impjieg li jkunu jeżistu minn żmien għal żmien;

»• illi l-perjodu tal-apprendistat kellu jkun t'erba' (4) snin;

»• illi l-apprendistat kellu jinqasam f'edukazzjoni ta' natura prattika u wkoll teoretika;

»• illi fit-tmiem l-apprentistat l-apprendisti jikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Servizz;

»• illi ġie espressament indikat fl-istess indikazzjonijiet li bħala konsegwenza tal-fatt li apprendist jikkwalifika u għalhekk jirċievi ċ-Ċertifikat ta' Servizz indikat fil-paragrafu preċedenti, dan kien "normal-ment jagħmilha possibbli għalih li jkun offrut impjieg mal-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet bħala bniedem tas-sengħa kwalifikat";

»• illi fl-istess indikazzjonijiet annessi fuq riferiti hemm ukoll dettal-jatament indikati l-kondizzjonijiet tax-xogħol espressament stipulati għall-istess apprendisti;

»• illi sussegwentement, kull min mill-apprendisti involuti kien ikun meqjus li ssodisfa l-imsemmija kondizzjonijiet, kien jirċievi ċ-ċertifikat fuq riferit;

»• illi jirriżulta li dan l-apprendistat kien reż possibbli fil-perjodu bejn l-1975 u 1978, u kull min temm l-istess b'suċċess kien l-ewwel ippreżentat biċ-ċertifikat fuq riferit, u wara, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, kienu ġew impjegati formalment fis-servizz pubbliku skont il-liġi u l-formalitajiet rikjesti fir-rigward;

»Ikkunsidrat:

illi mir-riżultanzi taż-żewġ posizzjonijiet kontrastanti fuq sintetikament esposti għandu jkun paċifiku li l-meritu tal-istess vertenza in diżamina jsib ir-riżoluzzjoni tiegħu mill-istess ftehim sottoskritt mill-apprendisti in diżamina – ir-rikorrenti odjerni;

»illi eżami tal-istess juri s-segwenti:

»• illi l-apprendistat in diżamina offrut, l-applikazzjoni għall-istess, il-manwal koadjuvanti maħrug u l-ftehim finalment iffirmat kollha jiddistingwu bejn il-kwalità ta' apprendist u l-kwalità ta' impjieg sussegwenti li konsegwentement jigi offrut li jiġi superat b'suċċess l-apprendistat [*sic*];

»• illi din id-dikotomija bejn iż-żewġ kwalitajiet dejjem kienet ċara u l-istess apprendisti rikorrenti, meta dawn aċċettaw li jintavolaw l-applikazzjoni tagħhom għal dan l-apprendistat, kienu qed jindikaw liberament li kienu fehmu l-konsegwenzi tal-istess *molto più* meta annessa mal-applikazzjoni tagħhom kellhom manwal li kien jispjega dettaljatament id-diversi stadji hemm kontemplati, u indikati fil-paragrafu preċedenti;

»Ikkunsidrat:

»illi għalkemm verament jirriżulta odjuż li xi wżud mill-apprendisti involuti ngħataw l-ingaġġ fis-servizz pubbliku qabel oħrajn u f'data li kienet tirriżulta ferm fruttifera meta ipparagunata ma' dik tar-rikorrenti, fih innifsu dan ma jbiddel xejn mill-kondizzjonijiet pattwiti u espressament indikati kemm fl-applikazzjoni kif ukoll fil-manwal fuq riferit, u r-rimedju għandu jiġi mfittex mod ieħor;

»illi għalhekk jirriżulta debitament assodat li l-apprendisti applikanti rikorrenti ngħataw dak li effettivament liberament iffirmaw għalih fl-applikazzjoni minnhom sottomessa biex jiġu inklużi fl-apprendistat *de quo*;

»illi għalhekk jirriżulta li l-intimati aġixxew esklussivament fil-limiti tal-kondizzjonijiet pattwiti fl-istess ftehim, u għalhekk l-azzjonijiet tagħhom ma jirriżultawx ċensurabbli.«

4. L-atturi appellaw b'rikors tal-15 ta' Lulju 2014, li għalih il-konvenuti wieġbu fit-8 ta' Awissu 2014.

5. L-aggravju tal-appell huwa msejjes fuq il-fatt illi fl-*istaff list* tal-gvern id-data murija bħala d-data tal-ewwel impjieg tal-atturi mal-gvern hija qabel is-16 ta' Jannar 1979. Il-konvenuti jgħidu li dan kien bi żball, u li f'kull każ li hu determinanti ma huwiex l-i*staff list* iżda d-data tal-

impjieg li, igħidu l-konvenuti, tirriżulta minn dokumenti oħra. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi ż-żmien ta' apprendistat ma huwiex żmien ta' impjieg iżda żmien ta' taħriġ, u li "r-relazzjoni bejn l-apprendista u l-prinċipal tiegħu ma kinitx meqjusa bħala waħda ta' xogħol iżda waħda ta' taħriġ biss".

6. Il-materja fiż-żmien relevanti kienet regolata bl-Att tal-1952 dwar it-Tagħlim fl-Industrija [Att X tal-1952]. Fl-art. 2 dwar tifsir ta' kliem tingħata din it-tifsira lill-kelma "apprendista":

> »"apprendista" jfisser bniedem li jkun għalaq l-erbatax-il sena li jkun marbut bi ftehim bil-miktub … li jaqdi prinċipal matul żmien miftiehem sabiex jikseb tagħrif, magħduda t-tijorija u l-pratka, f'sengħa li l-prinċipal min-naħa tiegħu jkun marbut li jgħallimha lil dak il-bniedem … … …«

7. L-apprendistat għalhekk joħloq obbligi fuq iż-żewġ naħat: il-"prinċipal" hu marbut li jagħti taħriġ fis-sengħa u l-"apprendista" hu marbut li "jaqdi" lill-"prinċipal".

8. Relevanti wkoll huma d-disposizzjonijiet tal-art. 3 tal-Att X tal-1952:

> »**3.** Ħadd ma għandu jimpjega apprendista jew apprendisti mingħajr il-permess tad-Direttur [tax-Xogħol] … … …«

9. Il-ftehim ta' apprendistat igħid espressament illi:

> »The apprentice … hereby binds himself to serve the employer … … … The apprentice accepts and will abide by the rules and regulations governing employment with the Maltese Government … … …«

10. Il-*Handbook of Rules and Advice for the Guidance and Direction of Apprentices in the Building Trades Apprenticeship Scheme* – l-iskema li taħtu għamlu l-apprendistat tagħhom l-atturi – ukoll igħid hekk fil-para. 4:

> »The apprentice will conform to the conditions of employment and the rules which from time to time are in existence in the Ministry … … …«

11. Meta tqis illi l-apprendist huwa marbut li "jaqdi" prinċipal (Att X.1952.2), li l-prinċipal "jimpjega" apprendista (Att X.1952.3), ir-referenza għal "*employer*" u għall-"*conditions of employment*" fil-kuntratt ta' apprendistat, u illi l-*handbook* igħid espressament illi l-apprendista huwa marbut bil-*conditions of employment*, il-konklużjoni bilfors tkun illi r-relazzjoni bejn l-apprendista u l-prinċipal ma hijiex biss dik ta' bejn min jgħallem u min jitgħallem iżda wkoll ta' bejn min iħaddem – appuntu, "prinċipal" jew "*employer*" – u impjegat. Id-data mbagħad meta l-apprendista, wara li temm it-taħriġ, ingħata ħatra fi grad ieħor mal-gvern ma hijiex id-data tal-ewwel impjieg iżda d-data ta' meta nbidel il-grad tal-impjegat fis-servizz pubbliku.

12. Tassew illi, kif igħidu l-konvenuti, it-tifsira ta' "kuntratt ta' servizz" fl-art. 2 tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg (Att Xi tal-1952), li kien fis-seħħ fiż-żmien relevanti, tgħid hekk:

> »"kuntratt ta' servizz" tfisser ftehim, sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull għamla li tkun, li bih persuna tintrabat li tagħmel servizz lil jew taħdem għal prinċipal sew jekk il-kuntratt ikun għal xogħol tal-idejn, xogħol tal-pinna jew xort'oħra, bil-ħlas ta' paga, imma ma tfissirx ftehim ta' taħriġ.«

13. Madankollu, l-istess Att XI.1952.2 igħid ukoll dwar it-tifsira ta' "impjegat":

> »"impjegat" tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor … … …«

14. Ladarba impjegat hu min *jew* jaħdem taħt kuntratt ta' servizz (li kif rajna ma jinkludix kuntratt ta' taħriġ jew apprendistat) *jew* ikun intrabat

personalment li jagħmel xi xogħol għal ħaddieħor, mela biex titqies impjegat mhux bilfors trid tkun għamilt kuntratt ta' servizz: biżżejjed li, bħal ma għamlu l-atturi tallum, tkun intrabatt li "taqdi" lil jew "tagħmel xogħol jew ħidma" għal ħaddieħor.

15. Madankollu dan ir-raġunament sija pure loġiku, ma japplikax għal każ odjern. Dan għaliex skont l-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, "is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinarji fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku".

16. Għalhekk l-atturi appellanti qatt ma setgħu jgħidu li huma impjegati tal-Gvern qabel ma nħatru f'dan l-impjieg skont l-artikolu msemmi; u jirriżulta li l-ħatra tagħhom saret wara s-16 ta' Jannar 1979.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

18. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb